

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-7 ta' Settembru 2017 – AlzChem vs Il-Kummissjoni(Kawża T-451/15) ⁽¹⁾

[“*Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti relatati ma’ proċedura ta’ investigazzjoni ta’ ghajjnuna mill-Istat — Rifjut ta’ aċċess — Eċċeżżjoni marbuta mal-protezzjoni tal-ġhanijiet tal-attivitajiet ta’ spezzjoni, ta’ investigazzjoni u ta’ awditjar — Obbligu li jsir eżami konkret u individwali — Interess pubbliku superjuri*”]

(2017/C 357/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: AlzChem (Trostberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment A. Borsos u J. Guerrero Pérez, sussegwentement A. Borsos, J. Guerrero Pérez u I. Georgopoulos, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Buchet, M. Konstantinidis u L. Armati, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-26 ta' Mejju 2015, li tirrifjuta li tagħti lir-rikorrenti l-aċċess għal dokumenti relatati ma’ proċedura ta’ investigazzjoni ta’ ghajjnuna mill-Istat.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) AlzChem AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 320, 28.9.2015.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-8 ta' Settembru 2017 – Aldi vs EUIPO – Rouard (GOURMET)(Kawża T-572/15) ⁽¹⁾

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea GOURMET — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea ORIGINE GOURMET — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Sospensjoni tal-proċedura amministrattiva — Regola 20(7) (c) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95*”]

(2017/C 357/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Aldi GmbH & Co. KG (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u N. Bertram, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u M. Fischer, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Pierre-André Rouard (Madrid, Spanja) (rappreżentant: P. Merino Baylos, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-24 ta' Lulju 2015 (Każ R 1985/2013-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn M. Rouard u Aldi.